# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XVI**
**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 162/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Busuttil talli fid-19 ta' Lulju, 1999, ghall-habta tas-1.45 a.m. (**1**) iggestixxa t-tmexxija tal-hanut "Munchie Snack Bar" fi Triq it-Turisti, Bugibba, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (**2**) daqq jew xort'ohra ppermetta d-daqq ta' muzika fl-imsemmi stabbiliment minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija; (**3**) naqas li jobdi l-ordni legittima tal-pulizija, u wkoll (**4**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bl-istess daqq ta' muzika;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi David Busuttil hati, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' Lm50, u skwalifikatu milli "jhalli [**recte:** jkollu[1]] jew jottjeni licenzja biex jiggestixxi xi hanut" ghall-perjodu ta' tlett snin mid-data ta' l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' David Busuttil, minnu ppresentat fis-26 ta' Gunju, 2000[2], li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, subordinatament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

---

[1] Ara l-komparixxi u s-sentenza kif miktuba bl-idejn mill-Magistrat.

[2] Fil-fatt f'din il-kawza gew presentati zewg rikorsi, wiehed fis-26 ta' Gunju, 2000 u iehor fit-3 ta' Lulju, 2000. Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2000 il-partijiet qablu li t-tieni rikors jigi sflzat.

Fl-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2000 l-appellant, tramite d-difensur tieghu, eccepixxa l-preskrizzjoni tar-reati imputati. L-ewwel li trid tigi deciza, ghalhekk, hija din il-pregudizzjali.

Id-diversi reati – li huma kollha kontravvenzjonijiet u li ghalihom ghalhekk tapplika l-preskrizzjoni ta' tlett xhur – allegatament sehhew fid-19 ta' Lulju, 1999. L-ewwel darba li l-appellant (allura imputat) gie notifikat (bic-citazzjoni) jidher li kien fis-<u>26 ta' Awissu, 1999</u>. Skond ic-citazzjoni huwa kellu jidher quddiem il-Qorti Inferjuri fl-<u>14 ta' Settembru, 1999</u>. F'din l-ahhar data hu ma deherx, u dik il-qorti harget mandat ta' arrest fil-konfront tieghu, u ddifferiet il-kawza ghas-26 ta' Ottubru, 1999. Fis-26 ta' Ottubru, 1999 l-appellant baqa' ma deherx. <u>Ma jirrisultax li f'din l-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 1999 saret xi prova da parti tal-prosekuzzjoni biex tispjega ghala l-mandat ta' arrest ma kienx gie ezegwit</u>. Fil-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 1999 jinghad semplicement "Mandat in vigore ghall-25 ta' Jannar, 2000". Fil-25 ta' Jannar, 2000 l-appellant deher, presumibbilment in forza tal-mandat ta' arrest. Ghalkemm ma jirrisultax ezatt meta l-mandat gie ezegwit, dan ma setax kien aktar minn jumejn qabel il-25 ta' Jannar, 2000 (Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni).

Minn dan jidher li l-ahhar darba <u>qabel il-25 ta' Jannar, 2000</u> li l-appellant kien gie notifikat b'att tal-procediment (Art. 693(1), Kap. 9) (u apparti mill-esekuzzjoni tal-mandat mhux aktar minn jumejn qabel) kien fis-26 ta' Awissu, 1999. Huwa veru li fl-14 ta' Settembru, 1999 inhareg il-mandat ta' arrest. L-Artikolu 693(2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

"Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat ta' l-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, bic-citazzjoni, ghalkemm il-mandat ta' l-arrest jew ic-citazzjoni jkunu baqghu bla effett <u>minhabba li l-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta</u>." (sottolinear tal-Qorti).

Mill-kliem sottolineat jidher car li biex mandat ta' arrest jikser il-preskrizzjoni mid-data tal-hrug tieghu jehtieg li jigi stabbilit li l-istess mandat ma setax jigi ezegwit minhabba li l-persuna koncernata tkun inhbiet jew tkun telqet minn Malta. Kif appena ssir il-prova fil-qorti ta' tali impediment ghall-ezekuzzjoni tal-mandat (jew tac-citazzjoni), il-preskrizzjoni <u>terga' tigi interrotta</u>, u strettament il-qorti anqas ghandha ghalfejn tiddikjara li l-mandat ta' arrest ghadu "in vigore" – il-mandat jibqa' "in vigore" sakemm ma jigix espressament revokat mill-awtorita` li tkun hargitu – ghalkemm biex wiehed inehhi kull dubbju li jista' talvolta jinqala' huwa desiderabbli li l-qorti tesprimi ruhha kif solitament isir. Pero` ma huwiex il-fatt li l-qorti tiddikjara li l-mandat ghadu "in vigore" li jerga' jikser il-preskrizzjoni, izda hija <u>l-prova maghmula fil-qorti li dak il-mandat ma giex ezegwit minhabba li l-imputat jew akkuzat ikun inheba jew telaq minn Malta</u>. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, ma jistax jinghad li l-preskrizzjoni giet interrotta fl-14 ta' Settembru, 1999 u fis-26 ta' Ottubru, 1999. Bejn is-26 ta' Awissu, 1999 u jumejn qabel il-25 ta' Jannar, 2000 ghaddew aktar minn tlett

xhur, u ghalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha giet preskritta.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-pregudizzjali sollevata billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

U peress li jidher li l-prattika tal-pulizija in kwnatu tikkoncerna mandati ta' arrest ordnati mill-Qrati Inferjuri ma hix konformi ma' dak li tirrikjedi l-ligi, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur